MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 127/1999/1

**Anthony, Noel u Mario ahwa Farrugia, l-istess Anthony tant f'ismu proprju kif ukoll f'isem ommu Antoinette armla Farrugia u ta' hutu msefrin Teddy, George, Monica mart Mark Sacco u Sylvana xebba lkoll ahwa Farrugia**

**v.**

**Angelo Micallef u martu Emanuela Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Rat il-verbal tas-seduta datata 15 ta’ Mejju 2006, fejn dan l-appell gie mholli ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru , 2006.

2. Fil-kors ta’ l-ezami ta’ l-atti tal-kawza din il-Qorti rriskontrat is-segwenti allegazzjoni maghmulha mill-parti appellata fil-konfront ta’ l-appellanti (ara para. 11 tar-risposta ta’ l-appell, a fol. 13 fl-atti tal-process fl-istadju ta’ l-appell):
“(Fil-fatt) kontra l-atturi appellanti kienet saret kawza ta’ spoll mill-konvenuti appellati talli dawn kienu dahlu fil-proprjeta` ta’ l-esponenti (i.e. l-appellati) u hattewlhom il-hajt, liema kawza ggib ic-citazzjoni numru 149/99, li bi qbil bejn il-partijiet imxiet kontestwalment u giet deciza flimkien ma’ din il-kawza appellata u l-provi f’wahda kienu japplikaw ghall-provi fil-kawza l-ohra u vici-versa. Bi qbil bejn il-partijiet gew allegati wkoll l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni 84/99. Ikun ghalhekk opportun li din il-Qorti jkollha quddiemha dawn l-atti wkoll ghall-kwadru aktar komplet u korrett tac-cirkostanzi kollha li wasslu ghal numru ta’ kawzi bejn il-partijiet. Fil-kawza Citazzjoni numru 149/99 l-atturi odjerni (i.e. l-appellanti) kienu nstabu hatja li kienu huma li bl-agir taghhom ikkommettew spoll vjolenti u klandestin a dannu ta’ l-esponenti mil-liema sentenza l-atturi odjerni baqghu ma intavolawx appell u dik is-sentenza saret definittiva……”

3.1 Din il-Qorti hija tal-fehma li sabiex ikollha l-kwadru shih tal-vertenza, ghandhom jigu allegati l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet inversi deciza fis-16 ta’ Novembru, 2005.

3.2 Jidhrilha wkoll opportun li f’dan l-istadju l-atturi appellanti jiddikjaraw jekk bhala fatt huma appellawx jew le mis-sentenza l-ohra fejn huma kienu konvenuti (Citazzjoni 149/99).

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda contrario imperio tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni b’dan li sad-differiment li jmiss l-atti tal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi (Citazzjoni numru 149/99) ghandhom jigu allegati a karigu tar-Registratur u fi zmien sebat ijiem l-appellanti ghandhom jipprezentaw in-

nota ta’ skjariment kif hawn ordnat, b’rizerva espressa li, okkorrendo, jinzamm access minn din il-Qorti ghal fini ta’ skjarimenti ulterjuri.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------